MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 309/2001/1

**Avukat Dottor Peter Fenech bhala Chairman, Eugenio Privitelli bhala Segretarju u Conrad Thake, Alfred Cassar u Joseph P. Farrugia bhala Membri tal-Board ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mediterranean Conference Centre**

**vs**

**Rainbow Productions Limited u in vista tan-nota tal-atturi tal-25 ta' Marzu 2003 is-socjeta konvenuta biddlet isimha ghal One Productions Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremetew:-

Illi s-socjeta konvenuta kriet sala, Republic Hall, u hadet is-sevizzi relattivi inkluzi drinks minghand l-attur gewwa Dar il-Mediterran sabiex isir Kuncert Jum ir-Repubblika f'Dicembru 1996, kif ukoll kriet kostumi medjevali minghand l-attur fi Frar 1995, hadet backstage drinks minghand l-attur ghas-Super 1 Concert F'Republic Hall f'Ottubru 1996, u iffilmjat il-Musical Pageant fl-isem 'Mill-Jasar ghall-Qawmien' f'Dar il-Mediterran f'Marzu 1999;

Illi rigward l-imsemmija kiri tas-sala Republic Hall u sevizzi is-socjeta konvenuta kellha thallas lill-attur l-ammont totali ta' elf seba' mija u hamsa u tletin lira maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,735.62) skond l-ivoices annessi u markati Dok A sa Dok E;

Illi ghalhekk is-socjeta konvenuta hija debitrici ta' l-attur fl-ammont cert likwidu u dovut ta' elf seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,735.62);

Illi s-socjeta konvenuta, ghalkemm giet interpellata biex thallas l-ammont ta' elf seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,735.62), baqghet inadempjenti;

Illi jissussistu l-elementi kollha rikjesti biex jigu applikati l-artikolu 167 u l-artikolu sussegwenti tal-Kap 12;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1 tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 u l-artikoli sussegwenti tal-Kap 12; u

2 tikkundannaha thallas lil-attur is-somma ta' elf seba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1,735.62) dovuti mis-socjeta konvenuta lill-attur rigward l-imsemmija kiri ta' sala u servizzi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 1999 u tas-27 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Marzu 1999 kontra s-socjeta konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-atturi nomine tal-20 ta' April 2001 li biha giet ridotta t-talba;

Rat in-nota tal-atturi nomine tal-25 ta' Marzu 2003 li biha cedew s-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza u zammew ferm il-kap ta'l-ispejjez;

Semghet ix-xhud prodott mill-atturi nomine;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2003;

Ikkonsidrat:

In vista li l-atturi nomine cedew s-sorte jibqa biss li jigi deciz il-kap tal-ispejjez;

F'dan ir-rigward jirrizulta sufficjentement li l-pagament tas-sorte sar fil-mori tal-kawza. Jidher ukoll li s-socjeta konvenuta accettat li kellha thallas l-ispejjez pero' baqghet inadempjenti. Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha ukoll tigi kundannata thallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kawza u dan in vista tal-imsemmija nota ta' cessjoni u billi tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------